**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

**Avviz nru 417/2017 AM3**

**Numru fuq il-lista: 42**

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu,**
**Marsa MRS 1501**
**Vs**
**Gabriel Dan Achim (K.I. 0080348A)**
**Flat 1, Vista Block C,**
**Triq Bella Vista,**
**San Gwann**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-ewwel (01) ta' Settembru, 2017 illi permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet mingħand il-konvenut is-somma ta' disa' mija u tlett ewro u tlieta u hamsin centezmu (€903.53c) in konnessjoni ta' komunikazzjoni moghtija mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq l-akkont li jgib in-numru AC40281276.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut giet debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher hadd għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra x-xhieda bil-gurament ta' Charmaine Psaila Raji in rapprezentanza tas-socjeta' attrici li permezz tieghu kkonfermat li l-ammont ghadu dovut.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, wara li r-rapprezentant tas-socjeta' attrici kkonfermat li l-ammont ghadu dovut, it-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' disa' mija u tlett ewro u tlieta u hamsin centezmu (€903.53c) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż , huma a kariku tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikant**